# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

April 2017
Nru. 218

Kapitlu Provinċjali 22-25.V.2017
ĠEJJIENI BIL-FIDUĊJA


# Jiċċelebraw l-Anniverserju Saċerdotali tagħhom





F'quddiesa kkonċelebrata, nhar l-Erbgħa 15 ta' Marżu P. Ġużepp Camilleri OFM iċċelebra l-50 sena saċerdot. Viżibilment emozzjonat, P. Ġużepp irringrazzja lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħu u talab l-għajnuna tal-kongregazzjoni biex jitolbu għalih ħalli jkompli jżomm idejh fuqu.

Dan qalu biex il-Mulej ikompli jagħtih dak li għandu bżonn kif ukoll biex ikun kapaċi jilqa kollox minn

*ikompli f'paġna 2*

Il-Ħamis 16 ta' Marzu P. Godfrey Micallef OFM flimkien ma' P. Ġwann Micallef OFM mexxew konċelebrazzjoni fejn irringrazzjaw lil Alla għas-60 sena saċerdozju tagħhom.

Fil-bidu tal-quddiesa f'kelmtejn li għamel il-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM semma kif 60 sena ilu tliet franġiskani żgħażagħ ġew ordnati saċerdoti. Dawn is-saċerdoti raw lil Malta, id-dinja, il-Knisja u

*ikompli f'paġna 3*

## Jingħata ċ-Ċittadinanza honoraria



P. Marcellino Micallef, OFM Vigarju Provinċjali u Gwardjan tal-Kunvent tagħna tal-Belt, nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu ingħata ċ-Ċittadinanza honraria minn idejn is-sindku tal-Belt Alexiei Dingli.

Huwa qal hekk: "... din is-sena, tajna iċ-ċittadinanza honoraria lil-Patri Marcellino ta' Ġieżu. Persuna li qiegħed jaħdem bla heda biex jiftaħ Kċina tal-fqar fil-Belt Valletta. Hekk kif Marcellino kien jitma' il-ħobż u

*ikompli f'paġna 4*

## Igħid l-iblaħ f'qalbu, " Ma hemmx Alla!" (Salm 14,1)

Jingħad li darba ġewwa Florida fl-Amerika, wieħed li ma jemmen b'xejn għamel kawża l-qorti kontra l-festi tal-Lhud u tal-Insara għax l-argument tiegħu kien li fid-dawl tal-*Equal Opportunities Act* dawk li bħalu ma jemmnu b'xejn kienet qed issir diskriminazzjoni kontrihom għax huma ma kellhomx festi u btajjel pubbliċi bħal ħaddieħor li jemmen! Qabbad avukat u bdiet il-kawża. Imma l-imħallef mill-ewwel waqqaf il-kawża. L-avukat qam sħun sħun u beda joġġezzjoni, "Sur imħallef. L-insara għandhom il-Milied u l-Għid u festi oħra. U anke l-Lhud għandhom il-Għid tagħhom u Yom Kippur u Ħannukka. Min ma jemmen b'xejn m'għandux!" L-imħallef wieġbu kwiet kwiet, "Imma min ma jemmen b'xejn għandu wkoll, u l-klijent tiegħek injurant għax ma jafx!" Għal dan l-avukat qam jistaqsi, "Imma sur imħallef, meta hija din il-festa li qiegħed issemmi?" L-imħallef wieġbu pront pront, "L-ewwel ta' April". L-iskrittura tgħidlek li l-'Iblaħ igħid f'qalbu – ma hemmx Alla!' Għalhekk il-qorti hija tal-fehma li la l-klijent tiegħek ma jemmen b'xejn, mela allura huwa iblaħ u l-Festa tal-boloħ hija l-ewwel ta' April! *April Fools Day*!"

Jekk hijiex storja vera jew le ma nafx! Imma naf fiċ-ċert li jekk min ma jemminx b'Alla huwa

*ikompli f'paġna 4*

# Jiċċelebraw 50 sena Saċerdozju



minn paġna 1

idejn Alla. Fl-aħħar talab lil kulħadd biex ifaħħar lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħu.

Minn naħa tiegħu l-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM qal li l-Ordni u l-komunità qed jifirħu miegħu għal dan il-mument u grazzja ta' 50 sena saċerdot. Huwa qal li kien mument ta' ringrazzjament lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħu matul dawn il-50 sena, waqt li jibqa jkun strument għall-glorja tiegħu.

Huwa ħa l-okkażjoni biex jifraħ lil P. Alfred Sciberras OFM, Fr. Joe Barbara MSSP, P. Marcellino Meilaq OFM u lil P. Edward Zammit OFM li lkoll qed jiċċelebraw 50 sena saċerdoti.

*P. Alfred Sciberras OFM se jiċċelebra l-festa tiegħu nhar il-Ħadd 7 ta' Mejju fil-Knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun, fis-6.00pm*



**Fr. Edward Zammit OFM**

Imwieled l-Mġarr, Malta nhar l-14 ta' Awwissu, 1942 bin John Zammit u Bartholomea nee' Grima, P. Edward ingħaqad mal-Ordni Franġiskan nhar it-28 ta' Settembru, 1958. Għamel il-Professjoni Temporanja nhar l-4 ta' Ottubru, 1959 u dik Solenni nhar is-6 ta' Ottubru 1963. Ordna Saċerdot nhar il-11 ta' Marzu, 1967. Tul is-snin kemm ilu patri, għamel xogħol pastorali mal-Provinċja Franġiskana Awstraljana tal-Ispirtu s-Santu. Attwalment huwa kappillan tal-Parroċċa *Our Lady Star of the Sea* ġewwa George Town, Tasmania, l-uniku Franġiskan li jinsab jgħix u jaħdem f'din il-gżira hekk kbira l-isfel mill-Awstralja.



**P. Ġużepp Camilleri OFM**

Imwieled ir-Rabat, Malta nhar it-23 ta' April, 1940 bin Paul Camilleri u Carmen nee' Attard. P. Ġużepp ingħaqad mal-Ordni Franġiskan nhar it-13 ta' Ottubru, 1957. Għamel il-Professjoni Temporanja nhar l-14 ta' Ottubru, 1958 u dik Solenni nhar il-15 ta' Ottubru 1961. Ordna Saċerdot nhar il-11 ta' Marzu, 1967. Tul is-snin kemm ilu patri, apparti xogħol pastorali P. Ġużepp serva għal xi żmien bħala Gwardjan, imma l-aktar li dam kien bħala Sagristan Maġġur fil-Knisja tagħna ta' San Ġużepp tar-Rabat. P. Ġużepp attwalment huwa l-ħajjat tal-Provinċja u fost affarijiet oħra għamel bosta tonok tal-aħwa. Preżentement jifforma parti mill-Fraternita' ta' Domus Pacis, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.



**P. Afred Scberras OFM**

Imwieled ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta nhar l-1 ta' Diċembru, 1937 bin Saviour Sciberras u Annunzjata nee' Camilleri. P. Alfred ingħaqad mal-Ordni Franġiskan nhar it-13 ta' Ottubru, 1957. Għamel il-Professjoni Temporanja nhar l-14 ta' Ottubru, 1958 u dik Solenni nhar il-15 ta' Ottubru 1961. Ordna Saċerdot nhar il-11 ta' Marzu, 1967. Tul is-snin kemm ilu patri, apparti xogħol pastorali P. Alfred serva ta' Gwardjan u għamel żmien jieħu ħsieb l-aħwa morda u anzjani. Preżentement jifforma parti mill-Fraternita' ta' Sant'Antnin, Għawdex.

# Jiċċelebraw 60 sena Saċerdozju



minn paġna 1

l-Ordni Franġiskan jinbidel. Huma baqgħu jipperseveraw fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali u dan minkejja t-tlugħ u l-inżul tal-ħajja.

Huwa kompla billi qal li tnejn minnhom qdew il-ministeru tagħhom barra minn Malta – P. Godfrey u P. Girgor Imbroll (RIP). P. Ġwann qedha ħafna l-ministeru saċerdotali fis-sagrament tal-qrar speċjalment fil-Knisja tal-Ħamrun. Il-Provinċjal irringrazzjahom tax-xogħol tagħhom u rringrazzja lil Alla għall-persuna ta' P. Godfrey u P. Gwann.

Minn naħa tiegħu P. Godfrey irringrazzja f'isem P. Ġwann ukoll, lil Alla għal dak kollu li għamel magħhom u għal grazzji li tagħhom u tal-ministeru li hu għal ġid tahom u tal-poplu t'Alla. Hu spiċċa biex talab lil dawk preżenti biex ikomplu jitolbu għalihom.



**P. Ġwann Micallef OFM**

Imwieled Santa Venera, Malta nhar il-11 ta' Diċembru, 1931 bin Vincent Micallef u Adelina nee' Barbara. P. Ġwann ingħaqad mal-Ordni Franġiskan nhar it-30 ta' Settembru, 1947. Għamel il-Professjoni Temporanja nhar l-2 ta' Ottubru, 1948 u dik Solenni nhar it-28 ta' Diċembru, 1952. Ordna Saċerdot nhar is-6 ta' April, 1957. Tul is-snin kemm ilu patri, apparti xogħol pastorali u għal ħafna snin kien imfittex ħafna għall-qrar, speċjalment kemm dam jgħix il-Ħamrun. Attwalment jifforma parti mill-Fraternita' ta' Domus Pacis ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.



**P. Godfrey Micallef OFM**

Imwieled ir-Rabat, Malta nhar it-19 ta' Diċembru, 1931 bin Francis Micallef u Vincenza nee' Camilleri, P. Godfrey ingħaqad mal-Ordni Franġiskan nhar it-19 ta' Settembru, 1948. Għamel il-Professjoni Temporanja nhar l-25 ta' Settembru, 1949 u dik Solenni nhar it-28 ta' Diċembru, 1952. Ordna Saċerdot nhar is-6 ta' April, 1957. Tul is-snin kemm ilu patri, wettaq xogħol pastorali fosthom barra minn xtutna. Attwalment jifforma parti mill-Fraternita' tar-Rabat.







## Mill-Ministru Provinċjal

minn paġna 1

iblaħ kif tgħid l-iSkrittura, mela kemm aktar inkunu aħna boloħ meta għalkemm ngħidu u nstqarru li aħna nemmnu f'Alla, ngħixu u nġibu ruħna bħallikieku Alla ma jeżistix! Mela m'hijiex bluha dik li l-istess motto uffiċċjali tal-Amerika huwa "*In God We Trust*" sa mill-1956, u ilu jintuża fuq il-munita Amerikana sa mill-1864 u fuq id-dollaru Amerikan sa mill-1957, u fl-istess waqt f'isem id-demokrazija u l-liberta' tal-espressjoni u l-ugwaljanza jridu jneħħu is-salib minn skejjel, bini pubbliku etc., u saħansitra jwarrbu kull xorta ta' talb u rappreżentazzjonijiet oħra reliġjużi bħal fi żmien il-Milied.

Imma ma hemmx għalfejn immorru daqshekk il-bogħod. L-istess Kostituzzjoni ta' pajjiżna fit-tieni artiklu tgħid li r-Reliġjon Kattolika Rumana hija r-reliġjon tar-Repubblika ta' Malta u li l-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Apostolika Rumana għandhom id-**dmir** u d-**dritt** li jgħallmu liema prinċipji huma tajbin u liema huma ħżiena. Fl-istess waqt il-Kostituzzjoni tgħid li t-tagħlim tar-Reliġjon tal-Fidi Kattolika Apostolika Rumana għandu jkun pprovdut fl-iskejjel kollha tal-Istat bħala parti mill-edukazzjoni obbligatorja. Imbagħad issib min irid isikket il-Knisja u jeħodha kontriha jekk tazzarda tiftaħ ħalqha!

(1) *The religion of Malta is the Roman Catholic Apostolic Religion.*

(2) *The authorities of the Roman Catholic Apostolic Church have the duty and the right to teach which principles are right and which are wrong.*

(3) *Religious teaching of the Roman Catholic Apostolic Faith shall be provided in all State schools as part of compulsory education. (Act No. LVIII, 13th December, 1974)*

Ħenn għalina Mulej! Ħenn għalina! Il-Mulej jagħtina s-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

April
## Appuntamenti

**18** ta' April, Pasquetta flimkien. Niltaqgħu ħdejn id-Domus Rumana r-Rabat fid-9.30am.

**20** ta' April, Definitorju Provinċjali, Rabat.

### Birthdays - April

1. P. Dionysius Mintoff
2. Fr. Loreto Zerafa
3. P. Twanny Chircop
4. Mons. José Bonello
7. Fr. Ġużepp Debono
12. P. Marcello Ghirlando
23. P. Ġużepp Camilleri
24. Mons. Robert Camilleri
26. Fr. Ramon Farrugia

### Festi - April

19. P. Walter Vassallo
23. Mons. George Bugeja
25. P. Mark Enriquez
25. P. Mark Ciantar

## Kċina tal-fqar

minn paġna 1



nbid lil Ġesù imsallab, bl-istess mod Patri Marcellino se jitma mijiet ta' nies fil-bżonn kuljum. Però apparti l-ikel tal-ġisem li huwa importanti, l-iskop wara il-kċina tal-fqar imur lilhin. Se nkunu qegħdin nipprovdu post fejn nies, ħafna drabi imwarrbin u weħidhom, jistgħu jiltaqgħu, jgħidu kelma u jaqsmu t-tbatijiet tagħhom. Irridu nattakkaw il-problema tas-solitudni li qegħda tifni ħafna, speċjalment dawk anzjani. Għalhekk ukoll il-kunsill qiegħed jaħdem biex jiftaħ l-ewwel ċentru ta' matul il-jum għal-anzjani fil-kunsill lokali il-ġdid.

Jien inħossni onorat li qiegħed ngħin f'dal-progett li se jagħmel ħafna ġid lil ħafna nies. Ftakru li dan huwa proġett mibni fuq il-providenza. U ppermettuli nagħmel appell. Min jista' jagħti daqqa t'id f'dan il-proġett, jekk jogħġobkhom kelmu lil Patri Marcellino u għinuna."

## Tibda ż-Żjara Franġiskana fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien



Bħalissa tinsab għaddejja iż-Żjara Franġiskana, li din is-sena qed issir fil-Parroċċa ta' Maria Annunzjata, Ħal Tarxien. Iż-Żjara Franġiskana bdiet b'Quddiesa mill-Kappillan tal-Parroċċa u li fiha ingħata l-mandat lill-missjunarji li se jkunu qed jieħdu sehem u jagħmlu ż-żjarat fid-djar.

Fil-Quddiesa l-Kappillan laqgħa l-missjunarji u ħeġġeġ lil poplu biex jipparteċipa fl-attivitajiet li se jkunu qed jiġu organizzati kif ukoll ħeġġeġ biex il-familji jilqgħu lil franġiskani li jkunu qed iżuru d-djar.

Iż-Żjara Franġiskana qed tkun ikoordinata minn P. Walter Vassallo OFM u fiha qed jieħdu sehem bosta patrijiet, sorijiet, kif ukoll lajċi impenjati. Iż-Żjara tiġi fi tmiemha l-Ħadd 2 ta' April, 10.15am b'quddiesa mill-Ministru Provinċjal.

**L-AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA - **Editur:** P. Joseph Magro OFM*
***eMail:** jmagro@ofm.org.mt - **tel:** +356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*